4.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

5.0 Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun imtellgħa mal-applikazzjoni fuq l-edurecruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

6.0 Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-

question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognized MQF level programme of study, as required in the aforementioned eligibility criteria or higher, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

5.0 Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be uploaded on the edurecruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt) when you apply.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.0 Selection Procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The

marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

7.0 Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza jintbagħtu permezz tal-Portal tal-Ingaġġ tal-Edukazzjoni BISS f'dan l-indirizz: (https://edurecruitment.gov.mt) mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, it-23 ta' April, 2018.

Irċevuta awtomatika tintbagħat lilek permezz ta' *email* biex tinfurmak li l-applikazzjoni tiegħek waslet. Għal aktar informazzjoni ċempel lill-Customer Care bin-numri tat-telefown 2598 u est. 2463/2461/2467/2334/2437/2436/2455.

7.2 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma tistax tinżamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

7.3 Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.0 Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8.1 Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati; (mhux applikabbli fid-dawl ta' paragrafu 7.1 hawn fuq)
żamma ta' dokumenti,

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-6 ta' April, 2018

maximum mark for this selection process is 100 and the pass mark is 50.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

7.0 Submission of Applications

7.1 Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, are to be submitted through the Online Education Recruitment Portal ONLY at the following address: (https://edurecruitment.gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Monday, 23rd April, 2018.

An automatic receipt will be sent to your email informing you that your application was submitted successfully. For further information contact Customer Care on telephone number 2598 and ext. 2463/2461/2467/2334/2437/2436/2455.

7.2 Applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their applications since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to difficulties in submission. MEDE cannot be held responsible for any delay due to such difficulties.

7.3 Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.0 Other General Provisions

8.1 Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details; (not applicable in view of paragraph 7.1 above);
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

6th April, 2018

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Post ta' Għalliem fi Ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

(Skont il-pjan tal-HR tal-Ministeru għas-sena 2018)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1.0 Introduzzjoni

1.1 Is-Segretarju Permananti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE), jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

1.2 L-applikanti jistgħu japplikaw għall-post ta' Għalliem f'wieħed jew aktar mis-suġġetti li jidhru hawn taħt:

1. Edukazzjoni fi Snin Bikrin (ECEC);
2. Edukazzjoni Primarja (Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti);
3. Edukazzjoni Primarja (Ġenerali);
4. Edukazzjoni Sekondarja (Etika);
5. Edukazzjoni Sekondarja (Xjenza Integrata);
6. Edukazzjoni Sekondarja (Żvilupp Personali, Soċjali u fil-Karriera – PSCD);
7. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja *(Accounting);*
8. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Għarbi);
9. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Arti);
10. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Bijoloġija);
11. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Studji tan-Negozju);
12. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Kimika);
13. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Ċiniż);
14. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Computing u/jew Teknoloġija tal-Informatika u/jew Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni);
15. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Żfin);
16. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Reċtar);
17. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Disinn u Teknoloġija);
18. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Ingliż);
19. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Studji Ewropej);
20. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Franċiż);
21. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Ġografija);

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Post of Teacher within the Ministry for Education and Employment

(As per Ministry's HR plan for the year 2018)

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education and Employment (MEDE) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEDE adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1.0 Introduction

1.1 The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment (MEDE), invites applications for the post of Teacher within the Ministry for Education and Employment.

1.2 Applicants may wish to apply for the post of Teacher in one or more of the following:

1. Early Childhood Education and Care (ECEC);
2. Primary Education (Migrant Induction Programme);
3. Primary Education (General);
4. Secondary Education (Ethics);
5. Secondary Education (Integrated Science);
6. Secondary Education (Personal, Social and Career Development – PSCD);
7. Secondary/Post-secondary Education (Accounting);
8. Secondary/Post-secondary Education (Arabic);
9. Secondary/Post-secondary Education (Art);
10. Secondary/Post-secondary Education (Biology);
11. Secondary/Post-secondary Education (Business Studies);
12. Secondary/Post-secondary Education (Chemistry);
13. Secondary/Post-secondary Education (Chinese);
14. Secondary/Post-secondary Education (Computing and/or Information Technology and/or Information and Communication Technology);
15. Secondary/Post-secondary Education (Dance);
16. Secondary/Post-secondary Education (Drama);
17. Secondary/Post-secondary Education (Design and Technology);
18. Secondary/Post-secondary Education (English);
19. Secondary/Post-secondary Education (European Studies);
20. Secondary/Post-secondary Education (French);
21. Secondary/Post-secondary Education (Geography);

22. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Ġermaniż);
23. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Komunikazzjoni Grafika);
24. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Storja);
25. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Ekonomija għad-Dar (HE));
26. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Taljan);
27. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni (ICT));
28. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Malti);
29. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Matematika);
30. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Mużika);
31. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Edukazzjoni Fiżika (PE));
32. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Fiżika);
33. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Reliġjon);
34. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Russu);
35. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Studji Soċjali);
36. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Spanjol);
37. Edukazzjoni Sekondarja/Postsekondarja (Studji tat-Tessuti);
38. Edukazzjoni Postsekondarja (Studji Klassiċi);
39. Edukazzjoni Postsekondarja (Ekonomija);
40. Edukazzjoni Postsekondarja (*Engineering Drawing and Computer Aided Design*);
41. Edukazzjoni Postsekondarja (Xjenza Ambjentali);
42. Edukazzjoni Postsekondarja (*Marketing*);
43. Edukazzjoni Postsekondarja (Filsofija);
44. Edukazzjoni Postsekondarja (Psikoloġija);
45. Edukazzjoni Postsekondarja (Soċjoloġija);
46. Edukazzjoni Postsekondarja (*Systems of Knowledge*);
47. Edukazzjoni Postsekondarja (*Theatre and Performance*);

1.2.1 Suġġetti Vokazzjonali Suġġett tal-Edukazzjoni Vokazzjonali u Taħriġ

48. Edukazzjoni Sekondarja (*Agribusiness*);
49. Edukazzjoni Sekondarja (Teknoloġija tal-Inġinerija);
50. Edukazzjoni Sekondarja (Saħħa u Kura Soċjali);
51. Edukazzjoni Sekondarja (Ospitalità);
52. Edukazzjoni Sekondarja (Teknoloġija Informatika);
53. Edukazzjoni Sekondarja (*Media Literacy*);

1.2.2 Suġġett tal-Programm għal Tagħlim Alternattiv (ALP) għal edukazzjoni *mainstream* jew skola/skejjel speċifiċi.

54. Edukazzjoni Sekondarja (*Agribusiness* u Ġardinaġġ);
55. Edukazzjoni Sekondarja (Ħaddiem tal-Aluminju);
56. Edukazzjoni Sekondarja (Arti u Disinn);
57. Edukazzjoni Sekondarja (*Auto Mechanics*);
58. Edukazzjoni Sekondarja (*Automotive Repair – Body and Paint*);
59. Edukazzjoni Sekondarja (Inġinerija Bażika);
60. Edukazzjoni Sekondarja (Snajja' tas-Servizzi tal-Bini);
61. Edukazzjoni Sekondarja (*Care Work*);

22. Secondary/Post-secondary Education (German);
23. Secondary/Post-secondary Education (Graphical Communication);
24. Secondary/Post-secondary Education (History);
25. Secondary/Post-secondary Education (Home Economics);
26. Secondary/Post-secondary Education (Italian);
27. Secondary/Post-secondary Education (Information and Communication Technology);
28. Secondary/Post-secondary Education (Maltese);
29. Secondary/Post-secondary Education (Mathematics);
30. Secondary/Post-secondary Education (Music);
31. Secondary/Post-secondary Education (Physical Education);
32. Secondary/Post-secondary Education (Physics);
33. Secondary/Post-secondary Education (Religion);
34. Secondary/Post-secondary Education (Russian);
35. Secondary/Post-secondary Education (Social Studies);
36. Secondary/Post-secondary Education (Spanish);
37. Secondary/Post-secondary Education (Textiles Studies);
38. Post-secondary Education (Classical Studies);
39. Post-secondary Education (Economics);
40. Post-secondary Education (Engineering Drawing and Computer Aided Design);
41. Post-secondary Education (Environmental Science);
42. Post-secondary Education (Marketing);
43. Post-secondary Education (Philosophy);
44. Post-secondary Education (Psychology);
45. Post-secondary Education (Sociology);
46. Post-secondary Education (Systems of Knowledge);
47. Post-secondary Education (Theatre and Performance);

1.2.1 Vocational Education and Training (VET) Subjects

48. Secondary Education (Agribusiness);
49. Secondary Education (Engineering Technology);
50. Secondary Education (Health and Social Care);
51. Secondary Education (Hospitality);
52. Secondary Education (Information Technology);
53. Secondary Education (Media Literacy);

1.2.2 Alternative Learning Programme (ALP) Subjects for mainstream education or specific school/s

54. Secondary Education (Agribusiness and Gardening);
55. Secondary Education (Aluminium Worker);
56. Secondary Education (Art and Design);
57. Secondary Education (Auto Mechanics);
58. Secondary Education (Automotive Repair – Body and Paint);
59. Secondary Education (Basic Engineering);
60. Secondary Education (Building Services Trades);
61. Secondary Education (Care Work);

62. Edukazzjoni Sekondarja (Karpenterija);
63. Edukazzjoni Sekondarja (*Customer Care* u Bejgħ);
64. Edukazzjoni Sekondarja (Installazzjonijiet Elettriċi u Elettronika Bażika);
65. Edukazzjoni Sekondarja (Induratura taż-Żejt u l-Ilma);
66. Edukazzjoni Sekondarja (*Hairdressing*);
67. Edukazzjoni Sekondarja (*Multi-media* u Applikazzjoni tal-Informatika u Komunikazzjoni);
68. Edukazzjoni Sekondarja (*Paper Making and Book Binding*);
69. Edukazzjoni Sekondarja (*Personal and Beauty Care*);
70. Edukazzjoni Sekondarja (*Plumbing*);
71. Edukazzjoni Sekondarja (Fuħħar u Ċeramika);
72. Edukazzjoni Sekondarja (*Sheet Metal/Blacksmith*);
73. Edukazzjoni Sekondarja *(Welding and Fabrication*);

1.2.3 Suġġett tal-Edukazzjoni Speċjali fiċ-Ċentri tar-Riżorsi/Klassijiet tar-Riżorsi

74. Edukazzjoni Speċjali (Disinn u Teknoloġija);
75. Edukazzjoni Speċjali (Ġenerali);
76. Edukazzjoni Speċjali (Ekonomija għad-Dar (HE);
77. Edukazzjoni Speċjali (Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni ICT);
78. Edukazzjoni Speċjali (Xjenza Integrata);
79. Edukazzjoni Speċjali (Żvilupp Personali, Soċjali u fil-Karriera (PSCD);
80. Edukazzjoni Speċjali (Edukazzjoni Fiżika (PE);

1.2.4 Skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni tagħha hu:

fl-*Accounting* jew fl-Ekonomija tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Studji tan-Negozju*;*

fil-Bijoloġija, Kimika jew Fiżika tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Xjenza Integrata;

fl-*Engineering Drawing u Computer Aided Design* (CAD) tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Komunikazzjoni Grafika;

fl-Ingliz tista' tkun mitluba tgħallem ukoll l-Ingliż bħala Lsien Barrani fiċ-Ċiklu tal-Primarja/Sekondarja;

fil-Komunikazzjoni Grafika tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Disinn u Teknoloġija;

fil-Ekonomija għad-Dar (HE) bi *ECTS/ECVET credits* rilevanti għat-Tessuti tista' tintalab tgħallem ukoll fil-Ekonomija għad-Dar (HE) u/jew Studji tat-Tessuti;

fl-Studji tat-Tessuti bi *ECTS/ECVET credits* rilevanti għall-Ekonomija għad-Dar (HE) tista' tintalab tgħallem ukoll Studji tat-Tessuti u/jew fil-Ekonomija għad-Dar (HE);

62. Secondary Education (Carpentry);
63. Secondary Education (Customer Care and Sales);
64. Secondary Education (Electrical Installations and Basic Electronics);
65. Secondary Education (Oil and Water Gilding);
66. Secondary Education (Hairdressing);
67. Secondary Education (Multi-media and ICT Applications);
68. Secondary Education (Paper Making and Book Binding);
69. Secondary Education (Personal and Beauty Care);
70. Secondary Education (Plumbing);
71. Secondary Education (Pottery and Ceramics);
72. Secondary Education (Sheet Metal/Blacksmith);
73. Secondary Education (Welding and Fabrication);

1.2.3 Special Education as provided in Resource Centres/ Resource Classes

74. Special Education (Design and Technology);
75. Special Education (General);
76. Special Education (Home Economics);
77. Special Education (Information Communication Technology);
78. Special Education (Integrated Science);
79. Special Education (Personal, Social and Career Development);
80. Special Education (Physical Education);

1.2.4 According to the exigencies of the Malta Public Service, a selected candidate whose main area of specialisation is:

Accounting or Economics may also be required to teach Business Studies;

Biology, Chemistry or Physics may also be required to teach Integrated Science;

Engineering Drawing and Computer Aided Design (CAD) may also be required to teach Graphical Communication;

English may also be required to teach English as a Foreign Language (EFL) in the Primary/Secondary Cycle;

Graphical Communication may also be required to teach Design and Technology;

Home Economics with ECTS/ECVET credits relevant to Textiles may also be required to teach Home Economics and/or Textiles Studies;

Textiles Studies with ECTS/ECVET credits related to Home Economics may also be required to teach Textiles Studies and/or Home Economics;

fix-Xjenza Integrata bi *ECTS/ECVET credits* rilevanti għall-Kimika tista' tintalab tgħallem ukoll il-Kimika;

fix-Xjenza Integrata bi *ECTS/ECVET credits* rilevanti għall-Bijoloġija tista' tintalab tgħallem ukoll il-Bijoloġija;

fix-Xjenza Integrata bi *ECTS/ECVET credits* rilevanti għall-Fiżika tista' tintalab tgħallem ukoll il-Fiżika;

fil-Malti tista' tkun mitluba tgħallem ukoll il-Malti bħala Lsien Barrani fiċ-Ċiklu tal-Primarja/Sekondarja.

1.3 Persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni tagħha huwa l-Arti, Etika, Xjenza Integrata, Mużika, PE jew PSCD (Sekondarja/Postsekondarja) tista' tintalab tgħallem ukoll is-suġġett rispettiv fiċ-Ċiklu tal-Primarja.

1.4 Persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni tagħha huwa kwalunkwe suġġett mgħallem fil-Livell sekondarju u/jew postsekondarju fi klwasola 1.2 hawn fuq tista' tintalab tgħallem ukoll is-suġġett rispettiv fiċ-Ċentri tas-Sapport ta' Tagħlim u/jew skejjel li joffru Programmi għal Tagħlim Alternattiv.

1.5 Persuna magħżula biex tgħallem il-Programm ta' Induzzjoni għall-Immigranti tkun meħtieġa li tgħallem aktar minn suġġett wieħed fi ħdan dan il-programm.

1.6 Jekk suġġett li bħalissa huwa mgħallem f'ċiklu partikolari u jibda jiġi mgħallem f'ċiklu differenti, il-persuna magħżula tista' tiġi trasferita skont l-ħtieġa.

1.7 Persuna magħżula tista' tintalab tagħmel kull taħriġ speċjali skont il-bżonn.

2.0 Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Il-ħatra, li hija suġġetta għal perijodu ta' prova ta' (1) sena, hija fuq bażi indefinit *full-time* u suġġetta għar-regoli u regolamenti li jirregolaw minn żmien għal żmien is-Servizz Pubbliku ta' Malta inġenerali u MEDE b'mod partikolari, u tinvolvi l-obbligu għal ċaqliq skont l-eżiġenzi tas-Servizz.

2.2 (a) Madankollu, meta u jekk ikun hemm vakanza temporanja, MEDE jista jingaġġa għalliem fuq bażi definit, sal-aħħar tas-sena skolastika 2018/2019, u minn dakinhar li l-persuna taċċetta tibda tissejjaħ Għalliem Temporanju. F'dawn il-każijiet, dan l-ingaġġ jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont il-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss, peress li dan huwa ingaġġ ta' natura temporanja. Il-perjodu ta' prova tkun għal sena (1) u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fil-MEDE u tinvolvi li persuna tista' tiġi trasferita skont l-eżiġenzi tas-Servizz.

Integrated Science with ECTS/ECVET credits relevant to Chemistry may also be required to teach Chemistry;

Integrated Science with ECTS/ECVET credits relevant to Biology may also be required to teach Biology;

Integrated Science with ECTS/ECVET credits relevant to Physics may also be required to teach Physics;

Maltese may also be required to teach Maltese as a Foreign Language (MFL) in the Primary/Secondary Cycle.

1.3 A selected candidate whose main area of specialisation is Art, Ethics, Integrated Science, Music, PE or PSCD (Secondary/Post-secondary) may also be required to teach the respective subject in the Primary Cycle.

1.4 A selected candidate whose main area of specialisation is any of the subjects taught at Secondary and, or Post-secondary level in clause 1.2 above may also be required to teach the respective subject in Learning Support Centres and/or schools offering Alternative Learning Programmes.

1.5 A selected candidate who is engaged to teach the Migrant Induction Programme may be required to teach more than one subject within the programme.

1.6 If a subject which is currently taught at a particular cycle and starts being taught at a different cycle, a selected candidate may be deployed accordingly.

1.7 A selected candidate may be required to undergo any special training as deemed necessary.

2.0 Terms and Conditions

2.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one (1) year, is on a full-time indefinite basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and MEDE in particular, including deployment according to the exigencies of the service.

2.2 (a) However, if and when a vacancy of a temporary nature arises, MEDE may appoint a teacher on a definite basis, until the end of the scholastic year 2018/2019, and shall henceforth be named Temporary Teachers on acceptance. In such cases, this engagement constitutes an objective reason in terms of S.L. 452.81 regarding fixed term contracts, since this recruitment is of a temporary nature. The probationary period shall be for one (1) year and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and MEDE in particular, including deployment according to the exigencies of the service.

(b) Għalliem Temporanju jitpoġġa fuq il-minimu ta' Skala ta' Salarju 9 li fil-2018, huwa €20,590.00 fis-sena, u jkun intitolat għall-*allowances* ta' Għalliem u/jew *Works Resources* kif applikabbli u stabbilit mis-sezzjoni intitolata *Allowances* fi ħdan il-Ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-Għaqda tal-Għalliema ta' Malta fil-21 ta' Diċembru 2017. Dawn l-impjegati jibenefikaw minn żidied inkrimentali. Dment li l-għalliema temporanji jistgħu jintalbu jaqdu dmirijiet ta' *Form Teacher* u/jew dmirijiet oħra kif definit fis-sezzjoni fuq *Pastoral Care* għall-Istudenti. Dment li jekk ikun hemm vakanza permanenti, Għalliema Temporanji jistgħu jingħataw iċ-ċans li jipprogressaw għal grad ta' Għalliem fuq bażi indefinit skont ir-regoli tas-Servizz Pubbliku.

2.3 Is-salarju marbut mal-post ta' Għalliem huwa marbut ma' skala tas-salarju 9, li fl-2018 hu ta' €20,590.00 fis-sena, u jitla' b'żieda annwali ta' €447.33 sa massimu ta' €23,274.00. Dan is-salarju huwa supplementat bi *Class Allowance* ta' €1,175 fis-sena flimkien ma Fond ta' *Work Resources* ta' €325 fis-sena kif stipulat fil-ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-Għaqda tal-Għalliema ta' Malta fil-21 ta' Diċembru 2017.

2.4 Persuna fil-grad ta' Għalliem titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€21,951.00 x €486.83 - €24,872.00) wara tmien (8) snin servizz sodisfaċenti fil-grad, u titla' fi Skala ta' Salarju 7 (€23,431.00 x €531.17 - €26,618.00) wara tmien (8) snin oħra servizz sodisfaċenti fil-grad ta' Skala ta' Salarju 8.

2.5 Tista' titħaffef il-progressjoni ta' Għalliem għal Skala ta' Salarju li jmiss, minn tmien (8) snin għal sitt (6) snin, jekk għalliem jiġbor f'daqqa 360 siegħa ta' taħriġ rikonoxxut ta' Żvilupp Kontinwu Professjonali (CPD), li jkun imfittex minnu, fuq medda ta' sitt snin (minn skema applikabbli maħruġa mill-maniġment). Dment li jekk dan it-taħriġ ta' CPD mfittex minnu, huwa kkumpensat minn progessjoni mgħaġġla, kwalunkwe kwalifika li tinkseb minn dawn is-siegħat ma jerġax jiġi kkumpensat minn xi kwalunkwe forma ta' *qualification allowance*.

2.6 Persuna magħżula li tipprovdi esperjenza ta' tagħlim skont :

L-Addendum tal-Moviment Ħieles tal-ħaddiema fi ħdan l-Stati Membri tal-UE (is-26 ta' Settembru, 2013) u/jew

Il-Ftehim biex Tiffaċilità l-Moviment għal Edukatturi bejn Skejjel Liċenzjati (id-29 ta' Lulju, 2015)

tkun eliġġibli għal aġġustament ta' salarju skont l-*entitlement*.

2.7 Il-ħatra tal-persuna magħżula li sat-30 ta' Ġunju, 2018 taċċetta li tiġi ingaġġata mill-1 ta' Settembru, 2018, tkun mistennija tattendi *pre-service college based induction session* mal-Kap tan-*Network* tal-Kulleġġ bejn l-1 u s-17

(b) A Temporary Teacher will be placed on the minimum of Salary Scale 9 which in 2018, is €20,590.00 per annum and will be entitled for the teachers' allowance and/or works resources as applicable and established in the section within the Agreement between the Government and the Malta Union of Teachers dated 21st December 2017, entitled Allowances. Such employee shall benefit from incremental increases. Provided that temporary teachers may be asked to perform Form Teacher duties and/or other duties as defined in the section on Student pastoral care. Provided further that if a permanent vacancy arises, Temporary Teachers may be offered the possibility to progress to the grade of teacher on an indefinite contract in accordance with Public Service Regulations.

2.3 The salary for the post of Teacher is pegged to salary scale 9, which in 2018, is €20,590.00 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €23,274.00. This salary is supplemented by a Class Allowance of €1,175 per annum together with a Works Resources Fund of €325 per annum as stipulated in the agreement between the Government and the Malta Union of Teachers dated 21st December 2017.

2.4 A Teacher will progress to Salary Scale 8 (€21,951.00 x €486.83 - €24,872.00) on completion of eight (8) years satisfactory service in the grade and to Salary Scale 7 (€23,431.00 x €531.17 - €26,618.00) on completion of a further eight (8) years satisfactory service in Salary Scale 8.

2.5 Progression of a Teacher to the next salary scale may be accelerated from eight (8) years to (6) six years, if a teacher cumulates an aggregate of 360 hours of recognised self-sought Continuous Professional Development (CPD) time over six (6) years (through the applicable scheme issued by the management). Provided that if such self-sought CPD is compensated through accelerated progression, any qualification arising from such hours may not be further compensated through any other form of qualification allowance.

2.6 A Selected candidate who proves any teaching experience in accordance with:

The Addendum Freedom of Movement of workers within member states of the EU (26th September, 2013) and/or

The Agreement to Facilitate Mobility for Educators between Licensed Schools (29th July, 2015)

shall qualify for an adjustment in salary subject to entitlement.

2.7 The appointment of a selected candidate who before 30th June, 2018, accepts to start employment on the 1st September, 2018 shall be required to attend a pre-service college based induction session with the Head of College

ta' Settembru, 2018. Wara dan il-persuna magħżula tkun mistennija tattendi il-*pre-service National Induction Sessions* fit-18, fit-19, u l-20 ta' Settembru, 2018. Dawn is-sezzjonijiet huma parti mis-sentejn programm ta' induzzjoni għall-għalliema li qed jigradwaw u għal għalliema ngaġġati ġodda.

2.8 Il-Ħatra ta' Għalliem hija suġġetta li ttemm b'suċċess il-kors rilevanti msemmi f'paragrafi 4.2 (v) (a) u (vi) sat-30 ta' Novembru, 2018. Minn ma jipprovdix din l-evidenza jitneħħa mill-ordni tal-mertu tar-riżultat u jiġi tterminat l-impjieg bħala Għalliem.

Iżda, jekk l-applikant ingaġġat ma jkunx temm b'suċċess il-kors rilevanti msemmi f'paragrafi 4.2 (v) (a) u (vi) sat-30 ta' Novembru, 2018, il-persuna tinħatar bħala għalliem supplimentari skont t-termini tas-sejħa ta' Għalliem Supplimentari ippubblikata fit-2018. F'dan il-każ l-impjieg ikun fuq bażi definita, sal-aħħar tas-sena skolastika 2018/2019.

2.9 Jekk il-persuna magħżula ma jkollhiexx *Warrant* ta' Għalliem (Permanenti), din tkun eliġibbli li tikseb *Warrant* ta' Għalliem (Permanenti) biex tipprattika l-professjoni sa sentejn mid-data tal-ħatra tagħha bħala Għalliema, skont it-termini tal-artiklu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, u impjieg 'l hinn minn dan il-perijodu jkun suġġett għall-kisba ta' dan il-*Warrant* bi qbil ma' artiklu 24 (1) tal-istess Att.

2.10 Il-ħatra tal-persuna magħżula hija suġġetta għall-kisba ta' *Warrant* ta' Għalliem (Permanenti) fi żmien tmienja u għoxrin (28) xahar mid-data attwali tal-impjieg. Jekk dan ma jinkisibx ifisser *ipso facto* revokazzjoni tal-Ħatra skont ir-Regolament Nru. 23 tar-Regoli tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (S.L. Const. 01).

2.11 Il-persuna magħżula tkun mistennija twettaq b'suċċess proċess ta' induzzjoni ta' sentejn. L-għoti tal-konferma tal-ħatra, is-soltu wara sena, u/jew il-kisba ta' *Warrant* ta' Għalliem (Permanenti) skont artiklu 24 jew 41 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, ma jeżentawx lill-persuna magħżula milli twettaq b'suċċess il-proċess ta' Taħriġ ta' Induzzjoni.

2.12 Il-Kundizzjonijiet u l-proċeduri rigward il-post ta' Għalliem, li wieħed jista' jikkonsulta permezz ta' (http://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/Acceptance_procedure_for_new_teachers.pdf) japplikaw, jekk u meta, il-persuna magħżula tiġi kkuntattjata mill-MEDE.

2.13 Fil-każ tal-applikanti magħżula f'din is-sejħa għal applikazzjonijiet f'aktar minn suġġett/qasam/ċiklu wieħed (1), il-persuna magħżula tiġi impjegata fis-suġġett/qasam/ċiklu skont id-diskrezzjoni tal-MEDE

Network, as communicated by the office of the respective Head of College Network between 1st and 17th September, 2018. Thereafter a selected candidate shall be required to attend the pre-service National Induction Sessions on the 18th, 19th and 20th of September, 2018. These sessions are part of the two-year induction programme for newly qualified and newly recruited teachers.

2.8 The appointment as Teacher will be subject to the successful completion of the relevant course mentioned in paragraphs 4.2 (v) (a) and (vi) by 30th November, 2018. Failure to provide such evidence will lead to the removal from the result merit list and termination of employment as Teacher.

However, if an applicant engaged has not successfully completed the course mentioned in paragraphs 4.2 (v) (a) and (vi) by 30th November 2018, s/he will be appointed as Supply Teacher in terms of the call of Supply Teacher published in 2018. In such instances, the engagement will be on a definite basis, until the end of the scholastic year 2018/2019.

2.9 A selected candidate who is not in possession of a Teacher's Warrant (Permanent), shall be eligible to obtain a Teacher's Warrant (Permanent) to practise the profession within two years of his/her appointment as Teacher, in terms of article 24 (2) of the Education Act. Employment beyond this period shall be subject to a possession of such a warrant in accordance with article 24 (1) of the same Act.

2.10 The appointment of a selected candidate is subject to the employee being awarded a Teacher's Warrant (Permanent) within twenty eight (28) months from the actual date of employment. Failure to obtain the Teacher's Warrant (Permanent) will *ipso facto* mean revocation of appointment as per Regulation No. 23 of the Public Service Commission Regulations (S.L. Const. 01).

2.11 A selected candidate will be required to complete a two year induction process successfully. The granting of the confirmation of appointment, usually after one year, and/or the awarding of a Teacher's Warrant (Permanent) in accordance with article 24 or 41 of the Education Act, do not exempt a selected candidate from completing successfully the induction training.

2.12 Conditions and procedures regarding the acceptance for the post of Teacher, which can be accessed via (http://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/Acceptance_procedure_for_new_teachers.pdf) will apply, if and when a successful candidate is contacted by the MEDE.

2.13 In the case of applicants who are successful in this call for applications in more than one (1) subject/area/cycle, s/he shall be employed in the required subject/area/cycle at the discretion of the MEDE.

2.14 MEDE għandu d-dritt li jassenja u/jew jibgħat il-persuna magħżula biex isservi f'kull kulleġġ, skola, u istituzzjoni edukattiva, inkluż ukoll fuq bażi ta' *sharing* fi skejjel f'Malta u f'Għawdex, skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.0 Il-Funzjonijiet u d-Dmirijiet

3.1 Hija r-reponsabbiltà tal-Għalliem li tieħu ħsieb li tipprovdi esperjenzi xierqa ta' tagħlim rilevanti, stimulanti, u li jinvolvi l-istudent, għall-istudenti kollha taħt ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha, billi trawwem b'mod sostenibbli fl-individwu kif ukoll fil-kollettiv, il-benessere fit-tkabbir spiritwali, f'dak emozzjonali, fil-fehim u fl-iżvilupp fiżiku. Il-persuna maħtura bħala għalliem hija mistennija li tikkollabora ma' edukaturi li jkunu qed jappoġġaw dan l-isforz fil-klassi jew barra mill-klassi, taħt it-tmexxija tas-*Senior Management Team* tal-iskola, anke billi jinvolvu ruħhom fl-iżvilupp tal-Komunità ta' Edukaturi Professjonali, inkluż fi ħdan l-*iSchool Development Plan*. Biex dan is-seħħ, il-persuna magħżula bħala għalliem għandha:

i. Iżżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi fl-edukazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċiklu u/jew qasam rispettiv, inkluż iżda mhux limitat għall-kurrikulu, il-pedagoġija, l-assessjar, ir-*recoding* u r-rappurtar ta' tagħlim, il-kontenut u l-iżvilupp differenti ta' min jitgħallem;

ii. Toħloq kundizzjonijjiet tajbin biex tiffaċilita l-iżvilupp olistiku ta' minn qed jitgħallem skont il-linji gwida pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali nominati;

iii. Tippjana, toħloq u tevalwa esperjenzi ta' tagħlim stimulanti, pjaċevoli u pożittivi, inkluż fil-preparazzjoni ta' lezzjonijiet u kif tagħti l-lezzjonijiet, fl-iżvilupp u amministrazzjoni ta' modalitajiet varji ta' assessjar għal u ta' tagħlim, kif ukoll tagħti feedback ukoll permezz ta' reġistrazzjoni u rappurtar tat-tagħlim;

iv. Tindirizza d-diversità billi toħloq opportunitajiet għall-istudenti kollha biex jilħqu l-potenzjal tagħhom mingħajr ma formalment jew informalment joħolqu ostakli jew inaqqsu l-aspettattivi;

v. Tikkontribwixxi għall-kisba inkrimentali tar-riżultati mistennija fis-suġġett, qasam ta' tagħlim u l-livell ta' temi transkurrikulari tal-istudenti kollha fdati taħt il-kura tiegħu/tagħha, billi tgħolli l-limitu tal-kisba għal kull individwu u tnaqqas il-lakuni fil-kisba li jistgħu jeżistu fil-proċess billi tiffaċilita t-twettiq tal-potenzjal ta' kull student;

vi. it-tagħlim u l-edukazzjoni tal-istudenti skont il-linji gwida pprovduti mill-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali taħt il-gwida totali tal-awtorità kompetenti tal-edukazzjoni;

vii. it-tagħlim u l-edukazzjoni tal-istudenti skont il-ħtiġiet, il-ħiliet u l-potenzjal edukattiv ta' studenti individwali fdati

2.14 MEDE has the right to assign and/or deploy a successful applicant to serve in any college, school, and educational institution including on a shared basis in Malta or Gozo, according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.0 Functions and Duties

3.1 It is the responsibility of a teacher to take charge of providing appropriate relevant, stimulating and engaging learning experiences for all students under his/her responsibility, nurturing wellbeing through sustainable individual as well as collective spiritual, emotional, cognitive and physical growth. The teacher is expected to collaborate with other educators, who may be supporting this endeavour within or beyond the classroom, under the leadership of the school's Senior Management Team, also by engaging in the development of a Community of Professional Educators, including through School Development Planning. In pursuing this, the Teacher is to:

i. Keep abreast of developments in education, particularly in relation to the respective Cycle and/or area, including but not limited to curriculum, pedagogy, assessment, recoding and reporting of learning, content and diverse learner development;

ii. Create optimal conditions which facilitate a learner's holistic development according to guidelines provided by the national and local designated authorities;

iii. Plan, create, and evaluate stimulating, enjoyable and positive learning experiences, including through lesson preparation and delivery, development and administration of varied modalities of assessment for and of learning, as well as give feedback also through recording and reporting of learning;

iv. Address diversity by creating opportunities for all learners to reach their potential without either formally or informally erecting barriers or lowering expectations;

v. Contribute towards the incremental attainment of the expected outcomes at subject, learning area, and cross-curricular theme level by all students entrusted under his/her care raising the bar of achievement for every individual and narrowing the attainment gaps that may exist in the process facilitating the fulfilment of each learner's potential

vi. Teach and educate students according to guidelines provided by the National Curriculum Framework under the overall guidance of the competent education authority;

vii. Teach and educate students according to the educational needs, abilities and attainment potential of

fil-kura tiegħu/tagħha mill-Kap tal-Iskola jew Kap tas-Sezzjoni;

viii. kull dmir ieħor skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif ikunu ddettati mis-Segretarju Prinċipali Permanenti.

Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol ta' dan il-post tista' titniżżel minn (http://education.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

3.2 Il-persuna magħżula hija mistennija li twettaq dmirijiet b'lealtà, b'diliġenza xierqa u bl-akbar ħila, u taġixxi f'kull rispett skont l-istruzzjonijiet u/jew direttivi mogħtija lilha mid-Direttorati tal-Edukazzjoni, il-Kap tan-*Network* tal-Kulleġġ, u/jew il-Kap tal-Iskola.

3.3 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tipparteċipa f'korsijiet ta' żvilupp professjonali fosthom kors ta' induzzjoni kif jixraq ir-rwol u l-funzjonijiet tiegħu, u *Management driven training programme* , kif mitlub mid-Direttorati tal-Edukazzjoni, Kap tan-*Network* tal-Kulleġġ, u/jew Kap tal-Iskola. Dan *il-Management driven training programm* (jew kors ta' induzzjoni) mhux ikkunsidrat parti mis-*self-sought Community of Professional Educators (CoPE)* imsemmi f'paragrafu 2.5 hawn fuq.

3.4 Il-persuna magħżula għandha tadotta u taħdem għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp skolastiku ta' skola jew skejjel partikolari li tkun qed isservi fiha/fihom.

4.0 Rekwiżiti għal Eliġibbiltà

4.1 Sal-għeluq tal-ħin u d-data ta' din is-sejħa għal applikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom dritt għal trattament ugwali għal dak taċ-ċittadini Maltin rigward xogħol bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet tat-trattati li jirreferu għall-moviment ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali għal dak taċ-ċittadini Maltin fi ħwejjeġ relatati ma' xogħol bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet tat-trattat li jirreferu għall-moviment ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali għal dak taċ-ċittadini Maltin fi ħwejjeġ ta' xogħol skont it-termini tal-liġi jew tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet tat-trattat imsemmijin aktar 'il fuq, minħabba qrubija fil-familja ma' persuni msemmijin f'paragrafu (a), (b) jew (c); jew

individual students entrusted to his/her care by the Head of School or Head of Section;

viii. perform any other duties according to exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

A detailed job description of the post can be downloaded from (http://education.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

3.2 The selected candidate is expected to carry out his/her duties in utmost good faith, with due diligence and to the best of his/her abilities and s/he shall act in all respects according to the instructions and/or directives given to him/her by the Education Directorates, Head of College Network, and/or Head of School.

3.3 The selected candidate is required to follow professional development courses including an induction course as appropriate to his/her role and functions, and Management driven training programmes, as directed by the Education Directorates, Head of College Network and/or Head of School. This Management driven training programme (or in-service induction) will not be considered as part of the self-sought Community of Professional Educators (CoPE) mentioned in paragraph 2.5 above.

3.4 The selected candidate shall adopt and work towards the implementation of the school development plan of the particular school or schools s/he is giving service in.

4.0 Eligibility Requirements

4.1 By the closing date and time of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw status ta' residenti għal żmien twil f'Malta li jaqgħu taħt ir-regolament 4 tar-"Regolamenti dwar l-Istatus ta' Residenti għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), 2006" jew li ngħataw permess residenzjali taħt regolament 18(3), flimkien ma' membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess residenzjali taħt ir-"Regolamenti dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Espatrijati skont il-ħtieġa għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmijin f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq tinħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja ta' xogħol sa fejn dan hu mitlub mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Jobsplus għandha tiġi kkonsultata kemm ikun hemm bżonn dwar din il-materja.

(ii) iridu jkunu profiċjenti kemm fil-lingwa Maltija kif ukoll fil-lingwa Ingliża;

(iii) ikollhom *Warrant* ta' Għalliem (Permanenti) maħruġ mill-Kunsill għall-Professjoni ta' Għalliema (CTP) taħt l-ariklu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni;

r) twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

s) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jistgħu jkunu operattivi fil-Ministeru tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tar-*Resourcing and Employee Relations*, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, li jista' jiġi kkuntattjat ukoll permezz ta' *email* lil (recruitment.health@gov.mt).

3.2 Persuna maħtura tista' tiġi mitluba li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

i) performing decontamination of flexible endoscopes by manual methods or using automated endoscope reprocessors (AERs);

j) reporting equipment faults and other irregularities or difficulties to management;

k) carrying out routine duties such as answering telephone calls, taking messages and other similar tasks;

l) inputing data and other information in computer related to CSSD work;

m) recording traceability of issued sets and instruments, either manually or by means of computer equipment;

n) undertaking routine quality assurance and control checks;

o) participating in training programmes organised by the department;

p) dealing with queries by telephone or in person from users of the service, assists with quality control & assurance checks and documentation;

q) undertaking relevant decontamination duties related to the grade, according to the exigencies of the service;

r) carrying out any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

s) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Resourcing and Employee Relations Directorate, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, which may also be contacted by email to (recruitment.health@gov.mt).

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services of the Government of Malta at the discretion of the Management.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fi ħdan l-Aġenzija *Identity Malta* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. *Jobsplus* għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(ii) able to communicate in the Maltese and the English languages;

(iii) fil-pussess ta' kwalifika tal-Livell 3 tal-MQF, f'*Decontamination Science* jew kwalifika komparabbli oħra minn istituzzjoni rikonoxxuta*;*

(iii) an MQF Level 3 qualification, in Decontamination Science or other comparable qualifications from a recognized institution;

JEW

OR

(iv) fil-pussess ta' kwalifika tal-Livell 4 tal-MQF, f'*Decontamination Science* jew kwalifiki komparabbli oħra minn istituzzjoni rikonoxxuta;

(iv) an MQF Level 4 qualification, in Decontamination Science or other comparable qualifications from a recognized institution;

JEW

OR

(v) fil-pussess ta Diploma f'Livell 5 tal-MQF f'*Health Practice* jew kwalifiki komparabbli oħra minn istituzzjoni rikonoxxuta.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilita', sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' *Masters* f'livell 7 ta' MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVETS fir-rigward ta' korsijiet li bdew minn Ottubru 2008.

Dawk il-kandidati li għadhom ma kisbux formalment il-ħtieġa speċifikata fil-paragrafi 4.1 (iii) jew 4.1 (iv) jew 4.1 (v) xorta jiġu kkunsidrati basta jkunu jissottomettu evidenza li jikkwalifikaw għal tali ħtieġa sal-aħħar ta' Settembru, 2018. Jekk magħżula, dawk il-kandidati għandhom jipproduċi r-rekwiżiti indikati fil-paragrafi 4.1 (iii) jew 4.1 (iv) jew 4.1 (v) qabel il-ħatra.

4.3 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' *Officer in Scale* permezz ta' deċiżjoni tal-*Grievances Unit* fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' *Officer in Scale*.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala *Officer in Scale* jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa ta' applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa ta' applikazzjonijiet.

4.4 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

(v) an MQF Level 5 Diploma in Health Practice or other comparable qualifications from a recognized institution;

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Master's qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVET credits with regard to programmes commencing as from October 2008.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained the requisites specified in paragraphs 4.1 (iii) or 4.1 (iv) or 4.1 (v) will still be considered provided that they submit evidence that they would qualify for such requirement by the end of September 2018. If selected, such candidates must produce the requisites indicated in paragraphs 4.1 (iii) or 4.1 (iv) or 4.1 (v) before appointment.

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttorat tar-*Resourcing and Employee Relations*, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' April, 2018. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi wkoll permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by Resourcing and Employee Relations Directorate, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 20th April, 2018. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mill-Direttorat tar-*Resourcing and Employee Relations*, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa huwa (https://deputyprimeminister.gov.mt), in-numru tal-*fax* huwa +356 2299 2604 u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huwa (recruitment.health@gov.mt).

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from Resourcing and Employee Relations Directorate, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address of the Ministry for Health is (https://deputyprimeminister.gov.mt), the fax number is +356 2299 2604 and the email address is (recruitment.health@gov.mt).

Is-6 ta' April, 2018

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Pożizzjoni ta' Assistent tal-Komunikazzjoni fuq bażi ta' kuntratt ta' servizz fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti

Il-Kunsill Malti għall-Arti (ACM), l-aġenzija nazzjonali għall-iżvilupp u l-investiment fis-setturi kulturali u kreattivi, se jimpjega fornitur tas-servizz biex iservi bħala assistent tal-komunikazzjoni taħt is-superviżjoni tal-Eżekuttiv tal-Komunikazzjonijiet biex jimplimenta u jappoġġja l-pjan ta' komunikazzjoni ta' ACM, partikolarment il-komunikazzjonijiet *online*.

Tip ta' kuntratt

Kuntratt definit fuq bażi ta' sena b'sena

Ħlas

Il-ħlas għall-pożizzjoni ta' assistent tal-komunikazzjoni huwa ta' €20,000

Responsabbiltajiet Ewlenin

Il-persuna magħżula tkun responsabbli għal:

Żamma regolari u t-tlugħ ta' kontenut fuq is-sit elettroniku tal-ACM kif ukoll il-kontribut għall-iżvilupp tas-sit biex tiġi żgurata għodda ta' informazzjoni u riċerka rilevanti u dinamika;

Ġestjoni tal-ippjanar u l-forniment ta' kampanji ta' kummerċjalizzazzjoni tal-midja soċjali;

Disinn u twassil fil-ħin tan-*newsletter* ta' kull xahar tal-Kunsill;

Kisba u ġenerazzjoni ta' kontenut, inklużi ritratti u *videos* qosra għall-promozzjoni *online*;

Provvista ta' riċerka, analiżi u rappurtaġġ tas-suq dwar ir-rispons tal-utenti, u l-prestazzjoni ta' kampanji u promozzjonijiet;

6th April, 2018

ARTS COUNCIL MALTA

Position of a Communication Assistant on a contract of service basis within Arts Council Malta

Arts Council Malta (ACM), the national agency for development and investment in the cultural and creative sectors, is engaging a service provider to serve as a communications assistant under the supervision of the Communications Executive to implement and support ACM's communications plan, particularly its online communications.

Type of contract

Definite contract on a year by year basis

Retainer

The retainer for the post of the communications assistant is €20,000

Main Responsibilities

The selected candidate will be responsible for:

The regular upkeep and uploading of content on the ACM website as well as contributing to its development to ensure a relevant and dynamic information and research tool;

Managing the planning and delivery of social media marketing campaigns;

The design and timely delivery of the Council's monthly newsletter;

Obtaining and generating content, including photos and short videos for online promotion;

Providing market research, analysis and reporting on users' response, and performance of campaigns and promotions;

Monitoraġġ tax-xejriet tal-għodod, l-applikazzjonijiet, il-mezzi, id-disinn u l-istrateġija tal-midja soċjali;

Monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-preżenza diġitali tal-Kunsill u rappurtar b'suġġerimenti;

Tagħlim dwar ix-xogħol tal-programmi u l-inizjattivi kollha ta' ACM u jgħin fit-titjib ta' strateġiji tal-midja;

Impenn biex jintlaħqu miri stabbiliti biex ikunu jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri ġenerali tal-komunikazzjoni tal-Kunsill;

Assistenza fuq kwistjonijiet oħra ta' komunikazzjoni, kif assenjat mill-Eżekuttiv tal-Komunikazzjoni.

Kundizzjonijiet tax-Xogħol

Kapaċità li taħdem taħt pressjoni;

Il-ħinijiet tax-xogħol huma flessibbli, inklużi tmiem il-ġimgħa u festi pubbliċi, ibbażati fuq ftehim reċiproku mal-Eżekuttiv tal-Komunikazzjoni.

Kwalifiki u Esperjenza Meħtieġa

L-Assistent tal-Komunikazzjoni jrid ikollu JEW

Grad universitarju fil-*Marketing*, il-Komunikazzjonijiet, l-IT, jew simili;

JEW

Minimu ta' sentejn esperjenza relatata max-xogħol fil-midja soċjali li tinkludi Facebook, Instagram, Twitter u YouTube;

U

Interess fl-arti, preferibbilment b'esperjenza fil-promozzjoni tal-arti;

Fehim u kapaċità fil-promozzjoni diġitali;

Ħiliet eċċellenti fl-IT;

Profiċjenza fl-Ingliż u l-Malti, b'ħiliet eċċellenti kemm fit-taħdit kif ukoll fil kitba;

Ħiliet organizzattivi u amministrattivi qawwija u attenzjoni għad-dettall;

Mentalità kreattiva u l-abbiltà li jaħdem sew taħt pressjoni, iwettaq il-kompiti b'mod effiċjenti, u jissodisfa żmien ta' skadenzi stretti.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni ta' Sostenn

Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji skanjati mibgħuta elettronikament huma aċċettabbli.

Iċ-ċertifikati oriġinali u/jew ix-xhieda għandhom dejjem jintwerew għall-verifika waqt l-intervista.

L-applikanti eliġibbli jiġu vvalutati minn bord tal-għażla li jiddetermina jekk humiex adattati għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess ta' għażla hija ta' 100% u l-marka minima biex wieħed jgħaddi hija ta' 60%.

Monitoring trends in social media tools, applications, channels, design and strategy;

Monitoring the performance of the Council's digital presence and reporting back with suggestions;

Learning about the work of all ACM's programmes and initiatives and assisting in improving media strategies;

Striving to reach set targets in order to be able to contribute towards the attainment of the Council's overall communication targets;

Assist with other communications matters, as assigned by the Director of Strategy.

Working Conditions

Ability to work under pressure;

Working hours are flexible, including weekends and public holidays, based on mutual agreement with the Executive Chair.

Qualifications and Experience Required

The Communications Assistant must EITHER have

A university degree in marketing, communications, IT, or similar;

OR

A minimum of two years of work-related experience in social media that includes Facebook, Instagram, Twitter and YouTube;

AND

Interest in the arts, preferably with experience in arts marketing.

An understanding and aptitude for digital marketing;

Excellent IT skills;

Proficiency in English and Maltese, with excellent oral and written communication skills;

Strong organisational and administrative skills and attention to detail;

A creative mindset and the ability to work well under pressure, completing tasks efficiently, and handling tight deadlines.

Submission of Supporting Documentation

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 60%.

Kriterji li Fuqhom il-Fornituri tas-Servizz se Jkunu Evalwati

Il-Fornituri tas-Servizz se jiġu evalwati skont il-kriterji li ġejjin:

Għarfien rilevanti:	30%
Esperjenza rilevanti:	25%
Ħiliet:	20%
Kwalifiki:	20%
Kwalitajiet personali:	5%

Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet

Il-persuni interessati huma mistiedna jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom f'forma oriġinali (kopja stampata), billi jikkwotaw in-numru ta' referenza rilevanti (Jobsplus) flimkien ma' *curriculum vitae* dettaljat u kwalunkwe referenzi relattivi. L-applikanti huma wkoll mitluba jipprovdu Ċertifikat ta' Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar kmieni minn xahar (1) mid-data tal-applikazzjonijiet. Id-dokumenti ta' hawn fuq għandhom jiġu indirizzati lil President Eżekuttiv, Kunsill Malti għall-Arti, 16, Casa Scaglia, Triq Mikiel Anton Vasalli, Il-Belt Valletta VLT 113, jew lil (vacancies@artscouncilmalta.org) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-20 ta' April, 2018. L-applikanti elenkati fil-lista l-qasira jkunu meħtieġa jattendu għal intervista ta' għażla.

Il-Kunsill Malti għall-Arti iħaddem b'sistema ta' Opportunitajiet Indaqs u jilqa' l-applikazzjonijiet mis-setturi kollha tal-komunità, irrispettivament mis-sess, l-età, ir-razza, is-sesswalità jew id-diżabbiltà.

Is-6 ta' April, 2018

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru L.S. 65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-*compound* ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta

Criteria on Which Service Providers Shall be Assessed

Service Providers shall be evaluated according to the following criteria:

Relevant knowledge:	30%
Relevant Experience:	25%
Abilities:	20%
Qualifications:	20%
Personal Qualities:	5%

Submission of applications

Interested persons are invited to submit their application in original (hard copy), quoting the relevant reference number together with a detailed curriculum vitae and any relative references. Applicants are also requested to provide a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of applications. The above documents are to be addressed to Executive Chair Arts Council Malta, 16, Casa Scaglia, Triq Mikiel Anton Vasalli, Valletta VLT 113, or to (vacancies@artscouncilmalta.org) by not later than noon (Central European Time) of 20th April, 2018. Shortlisted applicants will be required to attend a selection interview.

Arts Council Malta is an Equal Opportunities Employer and welcomes applications from all sectors of the community, regardless of gender, age, race, sexuality or disability.

6th April, 2018

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations S.L. 65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicles. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and

billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu ma jinġabrux u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sal-21 ta' April, 2018, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjon tista' tinkiseb permezz tan-numru tat-telefown 2555 5446/70, bejn is-7.30 a.m. u nofsinhar, jew minn (auctions.tm@transport.gov.mt).

upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by the 21st April, 2018 will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number 2555 5446/70, between 7.30 a.m. and noon, or from (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru. ta' Reġistrazzjoni tal-Vettura *Vehicle Registration No.*
Skoda	Favorit	White	FAG301
Mitsubishi	Lancer	Silver	FAW505
Kia	Sportage	Blue	MOD123
Peugeot	206	Silver	LM51YZA
VW	Lupo	Black	CE901LN
Nissan	Micra	Blue	E004DPY
Hyundai	Tucson	Black	LCU601
Honda	N/A	Red / White	BY01357
Fiat	Panda	Grey	CBP907
Seat	Cordoba	Red	DBQ261
Ford	Transit	Silver	DR228JV

Is-6 ta' April, 2018

6th April, 2018

FONDAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP TAŻ-ŻONI TURISTIĊI

Lista ta' *direct orders* mogħtija mill-Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2017 u l-31 ta' Diċembru, 2017, ippubblikata skont l-Artikolu 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (LN 352/2016) u ċ-Ċirkolari 02/2017 tat-23 ta' Jannar, 2017, maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

Is-6 ta' April, 2018

FOUNDATION FOR TOURISM ZONE DEVELOPMENT

List of direct orders awarded by the Foundation for Tourism Zone Development during the period between 1st July, 2017 and 31st December, 2017, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations (LN 352/2016) and of Circular 02/2017 of 23rd January, 2017, issued by the Department of Contracts.

6th April, 2018

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Isem tad-*Direct Order*/Suġġett tad-*Direct Order* *Direct Order Name/Subject of Direct Order*	Data Approvata *Date of Approval*	Isem tal-Kuntrattur *Name of Contractor*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract value Excluding VAT*
MF 100/17/13	Lease of 2 pick-up vans for a period of 2 years	20/10/2017	Burmarrad Commercials	€19,200

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Laqgħat Annwali tal-Lokalità

Skont Artikolu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Laqgħa Annwali tal-Lokalità se ssir nhar it-Tlieta, is-17 ta' April, 2018, fis-6.00 p.m., fis-sala tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, it-Tieni Sular, Triq Tumas Fenech, Birkirkara.

Dawk kollha li isimhom jidher fir-Reġistru Elettorali għal-lokalità ta' Birkirkara huma mistednin sabiex jattendu.

Is-6 ta' April, 2018

KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

Sospensjoni ta' Pparkjar

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan jgħarraf illi ħadd ma jista' jipparkja fil-Pjazza tal-Balluta bejn l-10.00 a.m. u nofsillejl nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Mejju, 2018

Is-6 ta' April, 2018

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

L-*Executive Chairman*, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti/kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt)

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, it-13 ta' April, 2018, għal:

Avviż Nru. WSC/T/34/2018. Provvista u konsenja ta' *backhoe loader* ġdid għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, is-17 ta' April, 2018, għal:

Avviż Nru. WSC/T/30/2018. Bażi ta' ftehim għal *legionella analysis media supplements* għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, it-18 ta' April, 2018, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q/18/2018. Provvista, manifattura, ittestjar u konsenja ta' *telemetry operated dual motor control panel* għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu minn fuq l-*Electronic Procurement System*

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with Article 70 of the Local Councils Act (Cap. 363), the Annual Locality Meeting will be held on Tuesday 17th April, 2018, at 6.00 p.m., at the Birkirkara Local Council Hall, Civic Centre, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech , Birkirkara.

All those listed in the Electoral Register for the locality of Birkirkara are invited to attend.

6th April, 2018

SAN ĠILJAN LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The San Ġiljan Local Council notifies that parking is prohibited in Balluta square between 10.00 a.m. and midnight on Friday, 4th May, 2018.

6th April, 2018

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Tenders/quotations are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt)

Up to 9.30 a.m. on Friday, 13th April, 2018, for:

Advt No. WSC/T/34/2018. Supply and delivery of a new backhoe loader to the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Tuesday, 17th April, 2018, for:

Advt No. WSC/T/30/2018. Framework agreement for legionella analysis media supplements for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 18th April, 2018, for:

Quot. No. WSC/Q/18/2018. Supply, manufacture, testing and delivery of a telemetry operated dual motor control panel for the Water Services Corporation.

No participation fee is required

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.

(http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Is-6 ta' April, 2018

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

L-*Executive Chairman*, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, it-12 ta' April, 2018, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q/17/2018. Servizzi ta' *borehole rigger* għar-riabilitazzjoni tal-*ground water borehole* għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, it-13 ta' April, 2018, għal:

Avviż Nru. WSC/T/26/2018. Provvista u konsenja ta' *electrical panels* għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/35/2018. Provvista ta' *automatic chlorine dispensing systems* għal *ground water pumping stations* u *reservoirs* – Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, id-19 ta' April, 2018, għal:

Avviż Nru. WSC/T/36/2018. Provvista ta' strumentazzjoni għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organized by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operpators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

6th April, 2018

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 12th April, 2018, for:

Quot. No. WSC/Q/17/2018. Borehole rigger services for ground water borehole rehabilitation to the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 13th April, 2018, for:

Advt No. WSC/T/26/2018. Supply and delivery of electrical panels for the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/35/2018. Supply of automatic chlorine dispensing systems for ground water pumping stations and reservoirs – Water Services Corporation.

No participation fee is required.

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 19th April, 2018, for:

Advt No. WSC/T/36/2018. Supply of instrumentation to the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, l-20 ta' April, 2018, għal:

Avviż Nru. WSC/T/37/2018. Provvista u konsenja ta' *radio network ancillary equipment* għal spieri f'Malta u Għawdex – Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, it-23 ta' April, 2018, għal:

Avviż Nru. WSC/T/38/2018. Provvista u konsenja ta' *valves* għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, l-24 ta' April, 2018, għal:

Avviż Nru. WSC/T/25/2018. Żvilupp ta' spieri tal-ilma baħar fl-impjanti tar-*reverse osmosis* fiċ-Ċirkewwa u Pembroke għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu minn fuq l-*Electronic Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Is-6 ta' April, 2018

Up to 9.30 a.m. on Friday, 20th April, 2018, for:

Advt No. WSC/T/37/2018. Supply and delivery of radio network ancillary equipment for boreholes in Malta and Gozo – Water Services Corporation

No participation fee is required.

Up to 9.30 a.m. on Monday, 23rd April, 2018, for:

Advt No. WSC/T/38/2018. Supply and delivery of valves to the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

Up to 9.30 a.m. on Tuesday, 24th April, 2018, for:

Advt No. WSC/T/25/2018. Development of seawater boreholes at Ċirkewwa and Pembroke reverse osmosis plants for the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organized by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

6th April, 2018

Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li tilqa' l-Isfidi Tagħna"
Proġett jista' jkun ikkunsidrat biex ikun parzjalment iffinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi mill-UE; 15% Fondi Nazzjonali

Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"
Project may be considered for part-financing by the Cohesion Fund
Co-financing rate: 85% European Union; 15% National Funds

GOZO CHANNEL (OPERATIONS) LIMITED

Il-Gozo Channel (Operations) Limited, tgħarraf illi:

Il-Kumpanija Gozo Channel tavża li dokumenti tal-kwotazzjoni magħluqin għandhom jintlaqgħu fl-uffiċċju tal-Gozo Channel (Operations) Limited, the Brokerage, Level 2, Triq Santa Marta, Ir-Rabat, Għawdex, sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-10 ta' April, 2018, għal:

Kwot. Nru. GCOL Q 05/2018. Servizzi ta' baħħara biex jaħdmu fuq bastimenti tal-Gozo Channel (Operations).

Kwot. Nru. GCOL Q 06/2018. Servizzi ta' rmiġġaturi biex jaħdmu mal-Gozo Channel (Operations) Limited.

Kwot. Nru. GCOL Q 07/2018. Servizzi ta' *cleaners* biex jaħdmu fuq bastimenti tal-Gozo Channel (Operations).

Kwot. Nru. GCOL Q 08/2018. Servizzi ta' *security officers* biex jaħdmu mal-Gozo Channel (Operations) Limited.

Dawn id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma mingħajr ħlas u kopja tad-dokumenti tal-kwotazzjoni jistgħu jinkisbu mill-indirizz imsemmi hawn fuq jew billi jitniżżlu d-dokumenti minn fuq is-sit elettroniku tal-kumpanija (www.gozochannel.com).

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mill-Procurement Department permezz tat-telefown 2210 9411 jew b'*email* lil (tenders@gozochannel.com).

Is-6 ta' April, 2018

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (*Procurement* u Provvisti), fil-Ministeru għas-Saħħa jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, is-26 ta' April, 2018. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 020-0360/18. *Lady catheters*

CFT 020-0362/18. *Single lumen catheter with a radiopaque deflectable distal tip*.

CFT 020-0363/18. *Complete sets for flocare infinity pumps Ref: 35178 and 35746*

CFT 020-0364/18. *Single use long needle nuide*

CFT 020-0366/18. *Guide wires*

CFT 020-0367/18. *Various items for Endoscopy No 4*

CFT 020-0368/18. *Totally sutureless valves*

CFT 020-0369/18. *Autoclavable lens injector*

CFT 021-0356/18. *Levodopa with Benserazide 125mg capsules*

GOZO CHANNEL (OPERATIONS) LIMITED

Gozo Channel (Operations) Limited, notifies that:

Sealed quotation documents will be received at Gozo Channel (Operations) Limited, The Brokerage, Level 2, Triq Santa Marta, Victoria, Gozo, by not later than 10.00 a.m. of Tuesday, 10th April, 2018, for:

Quot. No. GCOL Q 05/2018. Seamen services to work on board Gozo Channel (Operations) Limited vessels.

Quot. No. GCOL Q 06/2018. Mooring men services to work at Gozo Channel (Operations) Limited.

Quot. No. GCOL Q 07/2018. Cleaners services to work on board Gozo Channel (Operations) Limited vessels.

Quot. No. GCOL Q 08/2018. Security officers service to work at Gozo Channel (Operations) Limited.

Quotation documents are free of charge and copy of quotation documents can either be collected from the above address or by downloading documents from the company's website (www.gozochannel.com).

Further information may be obtained from the Procurement Department on telephone number 2210 9411 or email (tenders@gozochannel.com).

6th April, 2018

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies), in the Ministry for Health notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. on Thursday, 26th April, 2018. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 020-0360/18. Lady catheters

CFT 020-0362/18. Single lumen catheter with a radiopaque deflectable distal tip.

CFT 020-0363/18. Complete sets for flocare fnfinity pumps Ref: 35178 and 35746

CFT 020-0364/18. Single use long needle nuide

CFT 020-0366/18. Guide wires

CFT 020-0367/18. Various items for Endoscopy No 4

CFT 020-0368/18. Totally sutureless valves

CFT 020-0369/18. Autoclavable lens injector

CFT 021-0356/18. Levodopa with Benserazide 125mg capsules

CFT 021-0357/18. *Lisinopril tablets*
CFT 021-0358/18. *Esmolol HCL 100mg injections*
CFT 021-0359/18. *Sodium Tetradecyl Sulphate injections*

CFT 021-0361/18. *Sodium Chloride 0.9% injections x10ml*

Dawn id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, it-3 ta' Mejju, 2018. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fl-24 ta' Marzu, 2018, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace, LLD) Kumpilazzjoni numru 187/2018, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija

(l-Ispettur Kevin Pulis)

(l-Ispettur Jonathan Cassar)

Kontra

Sandro Lo Presti, ta' 47 sena, iben Giuseppe and Lina xebba Campo, imwieled Ragusa, l-Italja, fl-20 ta' Ġunju, 1974, residenti f'Sunshine Flats, Flat 2, Triq Nuzzo, Il-Ħamrun, Malta, u detentur tal-Karta tal-Identità Maltija bin-numru 20453A.

Ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lil Sandro Lo Presti jew li huma proprjetà tiegħu u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, *ai termini* tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 23A tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, it-3 ta' April, 2018

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
DIP. HLTH SCIENCE, DIP. MGMT STUD., DIP.NOT. PUB., LLB, LLD
Assistent Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali

DKR 39/2018 – New Freezing Order

It is being notified that by a decree dated 24th March, 2018, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Yana Micallef Stafrace, LLD) Compilation number 187/2018 in the case:

The Police

(Inspector Kevin Pulis)

(Inspector Jonathan Cassar)

Versus

Sandro Lo Presti, 47 years, son of Giuseppe and Lina née Campo, born in Ragusa, Italy, on the 20th June, 1974, residing at Sunshine Flats, Flat 2, triq Nuzzo, Ħamrun, Malta and holder of Maltese identity card bearing number 20453A.

Ordered the attachment in the hands of third parties in general of all monies and other movable property due to or pertaining or belonging to Sandro Lo Presti and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property and this according to Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta in accordance with Article 23A of Cap. 9 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Section 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any immovable property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 3rd April, 2018

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
DIP. HLTH SCIENCE, DIP. MGMT STUD., DIP.NOT. PUB., LLB, LLD
Assistant Registrar, Criminal Courts and Criminal Tribunals

611

DKR 40/2018 – Iffriżar tal-Assi

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fl-24 ta' Marzu, 2018, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace, LLD) Kumpilazzjoni numru 188/2018, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija

(l-Ispettur Kevin Pulis)

(l-Ispettur Jonathan Cassar)

Kontra

Austin Mallia, ta' 33 sena, iben Paul u Marcelle xebba Borg, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-14 ta' Marzu, 1985, residenti fil-fond bin-numru 10, Casa Grindla, Triq Braille, Santa Venera, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 174885M.

Ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lil Austin Mallia jew li huma proprjetà tiegħu u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, *ai termini* tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 23A tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, it-3 ta' April, 2018

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
DIP. HLTH SCIENCE, DIP. MGMT STUD., DIP.NOT. PUB., LLB, LLD
Assistent Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali

DKR 40/2018 – New Freezing Order

It is being notified that by a decree dated 24th March, 2018, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Yana Micallef Stafrace, LLD) Compilation number 188/2018 in the case:

The Police

(Inspector Kevin Pulis)

(Inspector Jonathan Cassar)

Versus

Austin Mallia, 33 years, son of Paul and Marcelle née Borg, born in Tal-Pietà, Malta, on the 14th March, 1985, residing at number 10, Casa Grindla, Triq Braille, Santa Venera, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 174885M.

Ordered the attachment in the hands of third parties in general of all monies and other movable property due to or pertaining or belonging to Austin Mallia and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property and this according to Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta in accordance with Article 23A of Cap. 9 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Section 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any immovable property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 3rd April, 2018

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
DIP. HLTH SCIENCE, DIP. MGMT STUD., DIP.NOT. PUB., LLB, LLD
Assistant Registrar, Criminal Courts and Criminal Tribunals

612

DKR 42/2018 – Iffriżar Tal-Assi

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fid-29 ta' Marzu, 2018, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Dr Gabriella Vella, LLD) Kumpilazzjoni numru 203/2018, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Anna Marie Xuereb)
(l-Ispettur Elton Taliana)
Kontra

Tania Borg, ta' 35 sena, impjegata, mart Stephen, bint Anthony u Carmen xebba Azzopardi, imwielda r-Rabat (Malta) nhar il-25 ta' Ġunju, 1982, residenti Notre Reve, Triq Xatbet l-Art, Ħ'Attard, Malta, u detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 389282M.

Ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lil Tania Borg, jew li huma proprjetà tagħha u pprojbietha milli tittrasferixxi, tagħti b'rahan, tipoteka jew xort'oħra tiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, *ai termini* tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, *ai termini* tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti Awtorizzat lill-imsemmija akkużata tibqa' tirċievi bħala salarju l-ammont li ma jeċċediex it-tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro (€13,976) fis-sena.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, it-3 ta' April, 2018

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
DIP. HLTH SCIENCE, DIP. MGMT STUD., DIP.NOT. PUB., LLB, LLD
Assistent Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali

DKR 42/2018 – New Freezing Order

It is being notified that by a decree dated 29th March, 2018, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Gabriella Vella, LLD) Compilation number 203/2018 in the case:

The Police
(Inspector Anna Marie Xuereb)
(Inspector Elton Taliana)
Versus

Tania Borg, 35 years, employed, wife of Stephen, daughter of Anthony and Carmen neé Azzopardi, born in Rabat Malta, on the 25th June, 1982, residing at Notre Reve, Triq Xatbet l-Art, Ħ'Attard, Malta, and holder of Maltese Identity Card bearing number 389282M.

Ordered the attachment in the hands of third parties in general of all monies and other movable property due to or pertaining or belonging to Tania Borg and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property and this according to Article 5 of Cap. 373 of the Money Laundering Act of the Laws of Malta, of section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court Authorised the said accused to continue to receive as salary the amount that does not exceed thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro (€13,976) per year.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Section 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any immovable property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 3rd April, 2018

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
DIP. HLTH SCIENCE, DIP. MGMT STUD., DIP.NOT. PUB., LLB, LLD
Assistant Registrar, Criminal Courts and Criminal Tribunals

613

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-28 ta' Marzu, 2018, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fis-27 ta' Marzu 2018, fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens bin-numru 59/2018 ippreżentata minn Guda Taddeo sive Teddie Buttigieg, irtirat iben guvni tal-mejtin Paul Buttigieg u Loreta née Debono, imwieled u residenti l-Qala, Għawdex detentur tal-karta tal-identità numru 5357G, versus Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati biex jirċievu ċ-ċens tal-fond hawn taħt indikat biex jintgħażel Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati biex jirċievu ċ-ċens tal-fond hawn taht indikat, ippreżentata fit-27 ta' Marzu, 2018, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens hawn fuq imsemmija kif ukoll fl-atti kollha relattivi u sussegwenti.

Illi l-esponenti huwa s-sid ta' biċċa raba' magħrufa bħala Ta' Muxi, limiti tal-Qala, Għawdex, bil-kejl ta' ċirka disa' mija u wieħed u sittin metru kwadru (961 m.k.) konfinanti mill-Majjistral ma' passaġġ minn fejn hi aċċessibbli l-għalqa trasferita, mix-Xlokk ma' passaġġ ieħor u mill-Grigal ma' beni tal-familja Buttigieg jew aventi kawża tagħha, liema proprjetà huwa akkwista permezz ta' kuntratt pubbliku datat it-tnejn (2) ta' Ottubru, 1995,in atti Nutar Michael Refalo, liema raba' jinsab aħjar indikat fuq is-*site plan* annessa maċ-ċedola;

Illi din l-art hija suġġetta għar-rata ta' żewġ ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€2.68ċ) ekwivalenti għal lira u ħmistax-il ċenteżmu tal-munita l-antika (Lm1.15) bhala ċens annwu u perpetwu;

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħed umilment jadixxi lil din l-Onorabbili Qorti u taħt l-Awtorità tagħha qed jiddepożita s-somma ta' komplessiva ta' sitta u sittin ewro u disgħa u disgħin ċentezmu (€66.99) rappreżentanti l-ammont ta' tlieta u ħamsin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€53.59)

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

It is hereby notified that by a decree dated the 28th March, 2018 the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of sections 187(3) and 931(3) of the Code of Organization and Civil Procedure.

Whereas by a decree dated the 28th March, 2018, in the records of the schedule of deposit and concurrent redemption of ground rent bearing number 59/2018 in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, upon an application filed by the applicant Guda Taddeo sive Teddie Buttigieg, a pensioner and a bachelor, son of the late Paul Buttigieg and the late Loreta née Debono, born in and residing in Qala, Gozo, identity card number 5357G, whereby it was ordered that deputy curators be nominated in terms of law to represent the unknown person or persons who are entitled to receive the herein mentioned ground rent in the schedule of deposit and redemption of ground rent bearing number 59/2018 in names "Guda Taddeo sive Teddie Buttigieg versus deputy curators to represent the unknown person or persons who are entitled to receive the herein mentioned ground rent in the schedule of deposit and redemption of ground rent" filed on the 27th March, 2018, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, as well as the other related and subsequent acts.

Whereas the applicant is the owner of a plot of land known as Ta' Muxi, in the limits of Qala, Gozo, measuring circa nine hundred and sixty-one square meters (961sq.m.) bounded on the North West by a passageway through which this land is accessed, South East with another passageway and North East by property of the family Buttigieg or its successors in title, which property was acquired by virtue of a deed dated the second (2nd) October, 1995, in the records of Notary Michael Refalo, which land is better shown on the site plan annexed to the said schedule of the deposit.

Whereas this land is subject to the rate of two euros and sixty-eight cents (€2.68c) equivalent to the defunct currency of one Maltese lira and fifteen cents (Lm1.15) annual and perpetual ground rent.

Thus, the applicant is redeeming this ground rent and thus is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the global amount of sixty-six euro and ninety-nine cents (€66.99) representing the amount of fifty- hree euro and fifty-nine cents (€53.59) as the price

bhala prezz ta' fidi ta' ċens kif ukoll is-somma ta' tlettax-il ewro u erbgħin ċenteżmu (€13.40) rappreżentanti l-ħlas tal-aħħar ħames snin taċ-ċens, liema somma ta' flus tista' tiġi liberament żbankata mill-istess intimati hekk kif aktar 'il fuq imsemmija u dan wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Min għandu xi interess u jrid jidħol bħala kuratur huwa b'din imsejjaħ biex jidher fi żmien (6) ijiem f'dan ir-Reġistru, u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi jrid jidħol għal dan, u jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Paul Coppini, LLD, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum id-29 ta' Marzu, 2018

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

DIANE FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

of ground rent as well as the sum of thirteen euro and forty cents (€13.40) representing the arrears of the previous five years of ground rent, which amount of money may be freely withdrawn by the entitled respondent as mentioned above as long as due receipt according to law is tendered.

Whoever is interested to be nominated as a curator is hereby called upon to call at this Registry within six (6) days and make known their interest through a note declaring therein that they accept such an assignment, and in default, this court will proceed to nominate an official curator.

And after so doing or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform this Court forthwith.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section under the signature of Magistrate Dr Paul Coppini, LLD, a Magistrate of the said Court.

This 29th March, 2018

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

DIANE FARRUGIA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

614

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fil-15 ta' Marzu, 2018, Rikors numru 396/2018, minn Gina Mucci D'Agostino, fejn Crescenzo sive Chris Mucci li għandu l-karta tal-identità bin-numru 0109441A, iben il-mejtin Nicola u Maria née De Abbata, imwieled Cleveland Ohio, l-Istati Uniti tal-Amerika, fid-9 ta' Marzu, 1932, ta' 85 sena, u residenti Tas-Sliema, ġie interdett permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Marzu, 2018.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)

Illum l-4 ta' April, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 15th March 2018, Application number 396/2018, by Gina Mucci D'Agostino, whereby Crescenzo sive Chris Mucci holding identity number 0109441A, son of the late Nicola and Maria née De Abbata, born in Cleveland Ohio, United States of America, on the 9th March, 1932, aged 85, and residing in Tas-Sliema, was interdicted by means of a decree given on the 23rd March, 2018.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 4th April, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

615

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fid-9 ta' Marzu, 2018, Rikors numru 360/2018, minn Benedicte Annette Isabelle, Maxime Theodoor Paul, Philippe Antoine Marie,

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 9th March, 2018, Application number 360/2018, by Benedicte Annette Isabelle, Maxime Theodoor Paul, Philippe Antoine Marie,

Melchior Jean Philippe u Florence Francoise Catherine, ilkoll aħwa van den Bergh fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwoti ta' kwinta parti (1/5) kull wieħed u waħda minnhom is-Suċċessjoni ta' ħuhom Olivier Albert Paul van den Bergh, ġuvni, iben Albertus Henricus Maria u Elisabeth Johanna Maria Koets, imwieled Roosendaal en Nispen, L-Olanda, kien residenti l-Mellieħa, Malta, u miet Amsterdam, L-Olanda, ta' 50 sena, u li kellu karta tal-identità Maltija bin-numru 51549A.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum l-4 ta' April, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Melchior Jean Philippe and Florence Francoise Catherine, brothers and sisters van den Bergh whereby they prayed that it be declared open in their favour in the quota of one fifth (1/5) undivided share each one of them the Succession of Olivier Albert Paul van den Bergh, bachelor, son of Albertus Henricus Maria and Elisabeth Johanna Maria Koets, born in Roosendaal en Nispen, Holland, resided at Mellieħa, Malta, and died in Amsterdam, Holland, aged 50 holding Maltese identity card number 51549A.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 4th April, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

616

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Marzu, 2018, u dan wara Rikors b'numru 44/18, Ordnat:

Il-korrezzjoni fl-Att tal-Mewt ta' Emmanuele Ciantar, li jġib in-numru 519 tas-sena 2018 billi fil-kolonna intestata: 'Isem u kunjom il-ġenituri, jekk ħajjin jew mejtin' wara l-kliem 'neè Bonello' titħassar il-kelma '(Dead)'.

Reġistru tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, l-4 ta' April, 2018

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th day of March, 2018, and this after a written plea numbered 44/18, Ordered:

The correction of the Act of Death of Emmanuele Ciantar, bearing number 519 of the year 2018, in the column entitled 'Name and surname of parents, and whether living or dead', the word '(Dead)' following the words 'neè Bonello', is to be removed.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 4th April, 2018

JANET CALLEJA
F/Registrar, Court Of Revision Of Notarial Acts

617

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Marzu, 2018, u dan wara Rikors b'numru 43/18, Ordnat:

Il-korrezzjoni fl-Att tal-Mewt ta' Isobel Margaret Anderson, li jġib in-numru 510 tas-sena 2018, billi fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom il-ġenituri, jekk ħajjin jew mejtin' jitħassru l-kliem 'Rowina Norrie Neè' u jiġu sostitwiti bl-isem korrett 'Robina'.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th day of March, 2018, and this after a written plea numbered 43/18, Ordered:

The correction of the Act of Death of Isobel Margaret Anderson, bearing number 510 of the year 2018, in the column entitled 'Name and surname of parents, and whether living or dead', the words 'Rowina Norrie Neè' are to be removed and substituted with the correct name 'Robina'.

Reġistru tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, l-4 ta' April, 2018

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 4th April, 2018

JANET CALLEJA
F/Registrar, Court Of Revision Of Notarial Acts

618

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-26 ta' Marzu, 2018, u dan wara Rikors b'numru 30/18, Ordnat:

Il-korrezzjoni fl-Att tal-Mewt ta' Maria Saliba, li jġib in-numru 235 tas-sena 2018, billi fil-kolonni intestati 'Data tal-Att' u 'Kaġun, lok u ħin tal-mewt, u lok tad-dfin' jitħassar in-numru '28' u jiġi sostitwit bid-data korretta '20'.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 26th day of March, 2018, and this after a written plea numbered 30/18, Ordered:

The correction of the Act of Death of Maria Saliba, bearing number 235 of the year 2018, in the columns entitled 'Date of the Act' and 'Cause, place and time of death and place of burial' the number '28' is to be cancelled and substituted with the correct date '20'.

Reġistru tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, is-26 ta' Marzu, 2018

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 26th March, 2018

JANET CALLEJA
F/Registrar, Court Of Revision Of Notarial Acts

619

B'Digriet tad-29 ta' Marzu, 2018, mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati minn J. Zammit Limited (C 37945) fit-22 ta' Marzu, 2018, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €100 prezz minnhom offert fil-Bejgħ bl-Irkant 38/17 fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Richard Azzopardi (KI 870M) u Hanane Azzopardi (KI 33546A) miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fit-21 ta' Marzu, 2018.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom, flimkien mar-risposta, jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

By a Decree of the 29th March, 2018, given by the First Hall, Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 338(1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12)

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by J. Zammit Limited (C 37945) on the 22nd March, 2018, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €100 following judicial Sale by Auction 38/17 in the names J. Zammit Limited vs Richard Azzopardi (ID 870M) and Hanane Azzopardi (ID 33546A) held under the Authority of the said Court on the 21st March, 2018.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall, with the answer, file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-Erbgħa, l-4 ta' April, 2018

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 4th April, 2018

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

620

B'Digriet tad-29 ta' Jannar, 2018, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikoli 187(3) u 338(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn J. Zammit Limited (C 37945) fit-22 ta' Marzu, 2018, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €100 prezz minnhom offert fil-Bejgħ bl-Irkant 38/17 fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Richard Azzopardi (KI 870M) u Hanane Azzopardi (KI 33546A) miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fit-21 ta' Marzu, 2018.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

By a decree of the 29th January, 2018 given by the first hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Articles 187(3) and 338(1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12)

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by J. Zammit Limited (C37945) on the 22nd March, 2018, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €100 following judicial Sale by Auction 38/17 in the names J. Zammit Limited vs Richard Azzopardi (ID 870M) and Hanane Azzopardi (ID 33546A) held under the Authority of the said Court on the 21st March, 2018.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-Erbgħa, l-4 ta' April, 2018

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 4th April, 2018

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

621

B'Digriet tal-24 ta' Jannar, 2018, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment IPpreżentati minn Bank of VAlletta Limited (C 2833) fil-11 ta' Jannar, 2018, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €4,000 prezz minnhom offert fil-Bejgħ bl-Irkant 163/04 fl-ismijiet Bank of Valletta Limited (C2833) vs Louis Pace et (KI 871952M) miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fil-11 ta' Jannar, 2018.

By a decree of the 24th January, 2018, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 338(1) of the Code of Organization and Civil procedure (Cap. 12)

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Bank of VAlletta Limited (C2833) on the 18th January, 2018, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €4,000 following judicial Sale by Auction 163/04 in the names Bank of Valletta Limited (C 2833) vs Louis Pace et (ID 871952M) et held under the Authority of the said Court on the 11th January, 2018.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw biddettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-Erbgħa, l-4 ta' April, 2018

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 4th April, 2018

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

622

DKR 37/2018 – Iffriżar tal-Assi

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fil-21 ta' Marzu, 2018, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Anthony G. Vella, LLD) Kumpilazzjoni numru 154/2018, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Joseph Busuttil)
(l-Ispettur John Spiteri)

Kontra:

Peter Formosa, ta' 63 sena, direttur, bin Francis Xavier u Carmelina xebba Vinci, imwieled il-Furjana, Malta, fit-12 ta' Mejju, 1954, residenti fil-fond Blanche, Flat 3, Triq il-Ġiebja, Is-Swieqi, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 422754M;

Matthew Peter Formosa, ta' 34 sena, direttur, bin Peter u Elizabeth xebba Zammit, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-10 ta' Settembru, 1983, residenti fil-fond The Ivies, Blokk D, Flat 3, Triq il-Mosta, Ħ'Attard, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 453883M;

u

Sarah Formosa, ta' 31 sena, direttriċi, bint Peter u Elizabeth xebba Zammit, imwielda Tal-Pietà, Malta, fit-18 ta' Settembru, 1986, residenti fil-fond Highgrove, Flat 307, Triq il-Kwarta, Is-Swieqi, Malta, u detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 421486M.

Ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew

DKR 37/2018 – New Freezing Order

It is being notified that by a decree dated 21st March, 2018, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Anthony G. Vella, LLD) Compilation number 154/2018 in the case:

The Police
(Inspector Joseph Busuttil)
(Inspector John Spiteri)

Versus:

Peter Formosa, 63 years, director, son of Francis Xavier and Carmelina née Vinci, born in Floriana, Malta, on the 12th May, 1954, residing at Blanche, Flat 3, Triq il-Ġiebja, Swieqi, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 422754M;

Matthew Peter Formosa, 34 years, Director, son of Peter and Elizabeth née Zammit, born in Tal-Pietà, Malta, on the 10th September 1983, residing at the Ivies, Block D, Flat 3, Triq il-Mosta, Ħ'Attard, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 453883M;

and

Sarah Formosa, 31 years, director, daughter of Peter and Elizabeth née Zammit, born in Tal-Pietà, Malta, on the 18th September, 1986, residing at Highgrove, Flat 307, Triq il-Kwarta, Swieqi, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 421486M.

Ordered the attachment in the hands of third parties in general all monies and other movable property due or

imissu lil JF Security Services (C 26649), JF Group (C 74013), JF Services Cleaning Ltd, JF Staffing Ltd (C 74017), JF Security and Consultancy Cervices Ltd (C 13768), JF Logistics Ltd (26650), JF Services Ltd (C 26648) u JF Investments Ltd (C 74018) jew li huma proprjetà tagħhom u pprojbiet lil dawn il-kumpaniji milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjetà mobbli jew immobbli u dan *ai termini* tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr Andrew Borg Cardona sabiex jamministra l-kontijiet tas-soċjetajiet maqbuda b'din l-ordni, senjatament biex jieħu ħsieb li jibqgħu jitħallsu l-pagi tal-impjegati tal-istess soċjetajiet, u kull taxxa dovuta lill-Gvern, mill-istess soċjetajiet.

Illum, il-5 ta' April, 2018

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali

pertaining or belonging to JF Security Services (C 26649), JF Group (C 74013), JF Services Cleaning Ltd, JF Staffing Ltd (C 74017), JF Security and Consultancy Cervices Ltd (C 13768), JF Logistics Ltd (26650), JF Services Ltd (C 26648) and JF Investments Ltd (C 74018) and prohibits the said companies from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property and this according to Article 5 of Cap. 373 of the Money Laundering Act of the Laws of Malta, in accordance with Section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court appointed Dr Andrew Borg Cardona to manage all the accounts of the above mentioned societies, namely to make sure that the employees' wages are being paid and any tax due to the Government, from the same societies.

Today, 5th April, 2018

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Criminal Tribunals

623

B'digriet tal-20 ta' Novembru, 2017, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-18 ta' Mejju, 2017, minn R. Cam Company Limited (C 11052) bin-numru tas-Subbasta 17/17 fl-ismijiet R. Cam Company Limited vs Joseph Sciberras (KI 548644M) qed jintalab il-Bejgħ bl-Irkant ta':

Il-qabar fiċ-Ċimiterju fil-paroċċa tal-Qrendi magħruf bħala 'Tal-Bandieri', fi Triq taż-Żurrieq, Il-Qrendi, immarkat bl-ittra I u bin-numru ħmistax (15).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Joseph Sciberras (KI 548644M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, it-18 ta' Diċembru, 2017

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 20th Novembru, 2017, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12):

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 18th May, 2017, by R. Cam Company Limited (C 11052), judical sale file number 17/17 in the names R. Cam Company Limited vs Joseph Sciberras (ID 548644M) is being asked that the Court orders the Sale by Auction of the:

The grave in the parish of Qrendi cemetery known as 'Tal-Bandieri' in Triq taż-Żurrieq, Qrendi, marked with the letter I and numbered fifteen (15).

The said tenement is the property of Joseph Sciberras (ID 548644M).

Registry of the Superior Courts, this Monday, 18th December, 2017

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*